# Is-Santwarju u l-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana


**Uffiċċju** 196, Triq il-Għajn, Il-Fontana, FNT 9026
**Telefon** 21556097 (uffiċċju) | 79093699 (kappillan)
**Imejl** fontanaparish@gmail.com **Websajt** www.qalbtagesu.com
***Facebook*** 'Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù tal-Fontana'
***Live-streaming*** Paġna *Facebook* 'Radju Sacro Cuor'
**Radju** Radju Sacro Cuor 105.2FM



***Il-Bullettin tal-Ħadd***
***28 ta' Lulju 2024***




## L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar u l-Festa tal-Maħfra

Dan il-jum għażiż qed jaħbat mat-2 t'Awwissu, il-festa tal-Maħfra (jew *tal-Porzjunkola* jew ta' *Sidtna Marija tal-Anġli*), li riedha San Franġisk t'Assisi biex ilkoll nagħmlu esperjenza tal-ħniena u tal-imħabba t'Alla. Matul dan il-jum, min iżur il-knisja parrokkjali tagħna u jqerr, jitqarben, jirreċita l-Kredu u jitlob skont l-intenzjoni tal-Papa, jikseb l-indulġenza plenarja. Imma din l-"indulġenza plenarja" x'inhi?

**L-indulġenza plenarja** mhijiex xi maġija imma huwa mod ta' kif il-Knisja, grazzi għas-sagrifiċċju ta' Kristu fuq is-Salib, tgħinna nesperimentaw mill-ġdid il-ħniena t'Alla li lesta tħassrilna kull tip ta' ħtija waqt li aħna nipproponu li nagħmlu ħilitna biex naħarbu kull dnub.

### It-tqarbin fid-djar

ser isir nhar il-Ġimgħa 2 t'Awwissu. Għalhekk, 'l-għada s-Sibt mhux ser isir.

| | |
|---|---|
| ***Quddies*** | *7.00am, 11.30am, 7.00pm* |
| ***Qrar*** | *qabel il-Quddies* |
| ***Adorazzjoni*** | *7.30am-11.30am; 5.00pm-7.00pm* |
| ***Talb animat*** | *8.30am-10.00am; 6.00pm-7.00pm* |

**Ġenituri: għallmu lit-tfal iqerru, jitolbu u jieħdu sehem fil-Quddiesa magħkom, kemm il-Ħadd u kemm matul il-ġimgħa, speċjalment bħalissa li qegħdin fil-vaganzi.** Għal kollox issibulhom ħin! Grazzi kbira lil dawk il-ġenituri li dan l-appell m'għandhomx bżonnu għax ilhom li fehmu l-importanza tiegħu u jgħixuh!

*Il-Qalb ta' Ġesu tberikkom u Sant'Andrija jħariskom. Il-Kappillan*

**Ġabra speċjali,** illum il-Ħadd b'riżq il-knisja, peress li hu l-aħħar Ħadd tax-xahar. Grazzi mill-qalb tal-għajnuna kontinwa tagħkom lejn din id-Dar t'Alla u tagħna lkoll.

**Il-Kwindiċina.** Nhar l-Erbgħa 31 ta' Lulju tibda t-tħejjija devozzjonali għall-festa tal-Assunta. Niltaqgħu kuljum, nofsiegħa qabel il-Quddiesa ta' filgħaxija, ħalli nitolbu r-Rużarju u talb ieħor Marjan u mbagħad nagħlqu bil-Barka Sagramentali. Fil-jiem ta' qabel Santa Marija ser norganizzaw il-pellegrinaġġ lejn il-Katidral: iktar dettalji ngħadduhom 'il quddiem.

**Coffee Morning** nhar il-Ħamis li ġej, 1 t'Awwissu, fid-9.00am, fis-sala parrokkjali. Ejjew fil-ħin biex hekk tistgħu tkunu tlestu qabel il-Quddiesa tal-11.30am u tieħdu sehem fiha.



**San Gejtanu.** Nhar il-Ġimgħa, 2 t'Awwissu, fil-Quddiesa tas-7.00pm, ser infakkru lil San Gejtanu, li tiegħu għandna statwa. Ikollna ħsieb qasir waqt il-Quddiesa. Il-festa liturġika taħbat fis-7 t'Awwissu. Din is-sena, l-Ordni tat-Teatini, imwaqqaf minn San Gejtanu u sħabu, qed jagħlaq 500 sena.

**Manutenzjoni.** Bħalissa qed jinżebgħu mill-ġdid l-aperturi kollha tad-dar parrokkjali filwaqt li nħaslu b'mod professjonali t-tapiti kollha li nużaw fil-knisja, fil-festa u fid-dar parrokkjali. Il-ħasil tat-tapiti biss ġie €450. Diġà daħlu xi għotjiet u ta' dan, grazzi mill-qalb.

**Providenza.** NN **€10** u NN **€10** *b'ħajr lill-Qalb ta' Ġesù;* NN **€10** u NN **€40** *għall-knisja;* NN **€50** u NN **€50** *għall-ħasil tat-tapiti.* Grazzi mill-qalb.

### Intenzjonijiet tal-Quddies: tal-ġurnata *u tal-11.30am*

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn 29 | Salvinu, Ġiġa, Dun Joe Galea | *Toni, Marija Galea u fam.* |
| It-Tlieta 30 | Dirjanu Cutajar u fam. | *Toni, Marija Galea u fam.* |
| L-Erbgħa 31 | Ġuża u Ġużepp Curmi | *Ġolina Gatt* |
| Il-Ħamis 1 | Fam. Camilleri u Buttigieg | *Ġorġ, Ġużeppa Schembri u fam.* |
| Il-Ġimgħa 2 | Fam. Spiteri | *Carmela, Angelo u fam. Mercieca-Buttigieg* |
| Is-Sibt 3 | Kelina Saliba u fam. Cutajar | --- |
| Il-Ħadd 4 | Frankie, Pawlu u fam. Portelli | **10.30am:** *għall-poplu tagħna* |